# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 18 ta' April 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Floyd Attard**

**Kumpilazzjoni Nru: 426/2017**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Floyd Attard detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 400284M

Akkuzat tallii matul il-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Marzu, 2017 ghal habta ta' bejn 02:00hrs gewwa l-istabbiliment AFS fi Triq iz-Zaghfran, Attard

1. Ikkommetta serq aggravat ta' madwar sitt mitt Euro fi flus kontanti u cwievet ta' vetturai diversi liema serq huwa ikkwalifikat kemm bil-valur li mhux izjed minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2, 329.37), bil-mezz u kif ukoll bil-hin;

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-detriment ta' Maria Pauline u Maria Attard u/jew persuni ohra fejn l-ammont tal-hsara ma jiskorrix 250 Euro.

Ukoll talli f'xi hin matul il-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Marzu, 2017 gewwa Miyra Ltd fil-Qasam Industrijali fil-Marsa:

3. Ikkommetta serq ta' madwar sebghin Euro (€70) fi flus kontanti kif ukoll ghodod ghad-detriment ta' Henry Battistino u/jew persuni ohra, liema serq hu ikkwalifikat kemm bil-valur li mhux izjed minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2, 329,37), bil-mezz u kif ukoll bil-hin;
4. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli ghad-detriment ta' Henry Battistino u/jew persuni ohra, fejn l-ammont tal-hsara ma' jiskorrix il-hamsa u ghoxrin Euro (€25).
5. Ilkkommetta l-imsemmija reati waqt il-perjodu operattiv ta ordni ta' Probation lilu moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) minn Dr A Demicoli nhar is-6 ta' Marzu, 2015.
6. Irrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma' jistghux jigu imhassra, imnaqqsa jew mibdula u dan ai termini tal-Art 49, 50 u 289 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba konta tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali refrettarja tieghu; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-imputat inghata diversi opportunitajiet mill-Qorti biex ikun jista' jirriabilita lilu nnifsu pero l-imputat xorta baqa jippersisti fit-triq tal-kriminalita. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandha l-ebda ghazla hlif li timponi piena karcerarja ghar-reati odjerni u li titratta mieghu ghar-reati li taghhom kien tpogga taht ordni ta' probation.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 325(1)(c) u 289; 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270 u 325(1)(c); 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghar-reati odjerni tikkundannah **sentejn prigunerija**. In oltre taghzel li titratta mieghu ghar-reati li taghhom instab hati fis-6 ta' Marzu 2015 daqs li kieku ghadu kif instab hati taghhom u ghal dawk ir-reati tikkundannah **tlett snin prigunerija**. In konkluzzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt xhur minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur t' din il-Qorti l-ispejjez relatati mal-hatra ta' esperti[1].

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[1] Dr Maria Mifsud nominata biex taghmel traskrizzjoni ta'l-istqarrija.